FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 11**

**Avviz. numru 59/01JR**

**John Abela Limited**

**vs**

**Gollcher Company Limited bhala agent tal-kumpanija estera Grandi Traghetti ta' l-Italja**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Jannar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00), rapprezentanti spejjez inkorsi mid-driver sabiex sewwa trailer belt li sfat imqatta, liema trailer belt kien fil-pussess tas-socjeta` konvenuta.**

**Il-hsara giet ikkagunata meta it-trailer kien fil-kustodja esklussiva tad-ditta**

intimata.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fit-23 ta' Frar, 2001, fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li s-socjeta` konvenuta ma kienetx responsabbli ghall-allegati danni.

Semgha x-xhieda ta' Carmel Abela u Anthony Abela. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Din il-kawza tirrigwarda hsarat fi trailer tas-socjeta` attrici.

2. Jirrizulta li fl-10 ta' Lulju, 2000, it-trailer in kwistjoni kien gie "shipped" abbord l-MV LINCE lejn Genova. Jirrizulta li meta dan telaq minn hawn kien "in good order and condition" skond ma jirrizulta mill-polza ta' karigu Dok.A.

3. Jirrizulta li fit-18 ta' Lulju, 2000, meta Anthony Abela, is-sewwieq tat-trailer tas-socjeta` attrici, mar biex jigbor l-imsemmi trailer minghand Grimaldi Lines gewwa Genova, sab il-hsara fih, konsistenti f'incirata imqatta' fuq in-naha tal-lemin.

4. Peress illi fejn grat il-hsara kien post fejn kellhom access biss nies awtorizzati mill-Grimaldi Lines, is-socjeta` attrici ikkuntattjat lil Gilnavi gewwa Genova, li taghhom hi agent is-socjeta` konvenuta, u dawn qalulhom biex isewwu. Inghatat l-iricevuta lil Gilnavi, wara li saru t-tiswijiet, li swew Lit 700,000.  Dawn qalu lis-socjeta` attrici tohrog il-flus hi u huma wara jaghtuhom "credit note". Is-socjeta` konvenuta

**irrifjutat li thallas. Ma jirrizulta li kien hemm ebda raguni valida l-ghala tirrifjuta l-hlas. Ghalhekk l-ammont mitlub huwa dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**